**Il-Ħamis 26 Ġunju 2026**
**JUM L-OASI, Diskors f'isem il-Bord tad-Diretturi,**
**Is-sur Joseph Borg**

**"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"** (Mill-poema, *Il-Jien u Lilhinn Minnu* tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila - kif ikkwotatat fil-ktieb *Trufijiet* miktub minn Martin Gauci, dwar ħajjet Dun Manwel Cordina)

Onorevoli Ministru/ Onorevoli Membri Parlamentari, Dun Manwel (Cordina), Sħabi Diretturi, Noel (Xerri) u dawk kollha li jaħdmu hawn, residenti u l-klijenti preżenti u tal-passat, voluntiera, mistednin u ħbieb. Insellmilkom u nirringrazzjakom li qegħdin hawn, magħna, illum.

Ma nistax ma nsemmix u ma nfaxxarx illum fil-bidu tal-erba' kelmiet tiegħi, il-ġrajja li seħħet bħal lum ħamsa u tletin sena. Fir-ritratti li dehru fil-ktieb *Trufijiet* li nkiteb b'tant għaqal minn Martin Gauci u li jitratta ġrajjiet mill-ħajja ta' Dun Manwel Cordina, fi-sezzjoni li titratta l-OASI hemm ritratt li jinsab eżatt fin-nofs, li jfakkar din il-ġrajja. Kien l-Erbgħa, is-Sitta u Għoxrin ta' Ġunju, fil-erba' ta' wara nofsinhar, fil-Lukanda ta' Ċenċ meta ġie ffirmat il-kuntratt tat-twaqqif tal-Fundazzjoni Oasi. Dakinhar seħħ il-bidu tat-twettieq ta' holma tal-fundatur Dun Manwel Cordina u ta' dawk kollha li kienu miegħu u għenuħ. Il-ħolma ta' Dun Manwel seħħet fir-realta' għax Dun Manwel emmen fi proġett li biħ jerġa beda jrodd lura ħajja sabiħa lil min ikun tilifha, proġett li biħ irodd lura s-sliem lil min ikun tfixkel, proġett li biħ jrodd lura l-hena lil min il-ferħ ħarab 'l bogħod minn ħajtu.

U appuntu hawn nerġa mmur lura għal ktieb li semmejt qabel. Hekk kif tispiċċa s-sezzjoni dwar l-OASI l-kittieb jitratta l-kapitlu ntitolat *Ta' Qabel ta' l-Aħħar*. U fl-ewwel paġna ta' dan il-kapitlu, l-awtur jikkwota mill-poema tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila, *Il-Jien u Lilhinn Minnu.* Isimgħu dawn il-vrus sbieħ: **"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"**

Fil-ktieb l-awtur jippreżenta dawn il-kliem bħala prologu tal-aħħar kapitlu tal-ħajja, imma għalija u ċertament għal Dun Manwel dan hu programm ta' ħajja. U bl-istess mod nixtieq nipproponieħ bħala programm ta' ħajja għalikom ilkoll li qegħdin hawn il-lejla. Kif diġa stqarrejt qabel, il-ħolma ta' Dun Manwel, l-OASI, seħħet għaliex hu emmen. U għax emmen id-deżert warrad u s-sliem u l-hena ntraddew lura lil ħafna li tilifuhom.

Din l-istedina li nixtieq nagħmel lilkom il-lejla.

L-ewwel nett emmen, emmen fik innifsek. Emmen li int għandek il-kapaċitajiet ġo fik li bihom tegħleb kull ostaklu. Emmen li l-Ħajja hi Sabiħa minkejja li bħalissa qed tgħix il-miżerja. Emmen li inti tista' tinbidel u l-bidla sseħħ. Emmen, ħares 'il quddiem u affronta l-futur. Hekk takkwista s-sliem u l-hena.

Bl-istess mod, mhux biss għandek temmen fik innifsek u temmen li tista' tinbidel imma għandek temmen ukoll li tista' tibdel l-ambjent tal-familja tiegħek, l-ambjent ta' madwarek, is-soċjeta.

Fl-aħħar mill-aħħar dak kien li għamel Dun Manwel Cordina. It-twemmin tiegħu ma żammux għaliħ. Bil-mod il-mod dakkar lil dawk ta' madwaru u l-ħolma tiegħu saret il-ħolma ta' ħafna,

it-twemmin tiegħu sar it-twemmin ta' ħafna, il-proġett li twettaq minn proġett tiegħu sar il-proġett ta' ħafna, il-proġett tagħna.

**"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"**

Dun Manwel propja kien beda jħoss il-bżonn li ssir xi ħaġa f'dan is-settur aktar minn ħamsa u tletin sena ilu. Jien personalment niftakar laqgħat miegħu fis-Seminarju snin qabel, f'post ieħor Taħt ta' Putirjal u magħad post ieħor fi Pjazza Santu Wistin. Dun Manwel dak iż-żmien ra vojt li kellu bżonn jimtela. Issa jekk dakinhar kien hemm vojt illum hemm dagħbien li jrid jimtela.

Il-messaġġi li joħorġu hemm barra xi drabi huma kunfliġġenti. Filli qed niffinanzjaw lil Oasi, Caritas u Sedqa b'miljuni ta' Ewro biex jagħmlu kampanji ta' edukazzjoni, prevenzjoni u għajnuna lil min jinħakem bis-saram. U filli nisimgħu b'kampanji għall-użu responsabbli tal-kannabis bħallikeku xi ħaġa li toqtol tista' tagħmel użu responsabbli minnha.

Bħal meta ġie propost li nisponsorjaw it-timijiet tal-futbol taż-żgħar mill-ARUC (l-Awtorita' għall-użu responsabbli tal-kannabis) bi sħab mal-Malta Football Association, meta aħna nafu li kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta l-uzu ta' kull tip ta' droga huwa kkundannat fl-Isport u kemm sportivi magħrufa tilfu t-titli mirbuħa għax f'testijiet li jkunu saru wara logħob partikulari jinstab li jkunu ħadu xi tip ta' sustanza.

Ejjew ma noqogħdux nilgħabu bil-kliem. Dak li hu abjad ngħidulu abjad u dak li hu iswed ngħidulu iswed. Ejjew nipproponu messaġġi ċari li jiftehmu u ma nkunux ambigwi jew nipprovaw ngħattu x-xemx bl-għarbiel.

Nerġa mmur għal kunċett li semmejt qabel. Jekk nemmnu f'xi ħaġa naslu biex inwettquha. U jekk flok ħolma ta' wieħed issir ħolma ta' ħafna naslu aktar, jekk nemmnu flimkien kapaċi nħarrku l-muntanji.

Dan l-aħħar l-OASI wasslet il-messaġġ li n-nitrous oxide jew kif inhu magħruf aħjar il-'laughing gas' huwa sustanza li qed tagħmel ħafna ħsara liż-żgħażagħ tagħna. Kont semmejtu fid-diskors tiegħi s-sena li għaddiet. Spjegajna għaliex u malli tkellimna fuqha ħafna qablu magħna, inklużi professjonisti, kunsilli u oħrajn. Il-kampanja tant kibret li l-Gvern fil-Legal Notice 111 tal-2026 wasal biex ipprojbixxa l-użu rekreazzjonali tan-nitrous oxide. Għax emminna flimkien wasalna.

Bħal f'kollox issa jkun jonqos l-infurzar. Mhux billi jsiru l-liġijiet, imma hemm bżonn l-infurzar. U fejn irridu rnexxielna ngħamlu infurzar. Illum ħadd ma jpejjep f'restaurant. Illum kull min isuq mutur jilbes il-crash helmet. Ejjew nemmnu li dak li hu ħażin għal-poplu tagħna għadna naħdmu biex ngħinuħ jitwarrab minnu.

Qed nara numru sabiħ ta' membri tal-parlament quddiemi. Appell minn qalbi. Jekk jogħġobkom tippolitiċizzawx dawn it-temi li jfarrku n-nies. Fil-qilla tagħhom l-addictions ma' jagħmlux għażla ta' kuluri... il-qilla tal-addictions jolqot lil kulħadd. Iġġieldu flimkien u mhux kontra xulxin. Emmnu flimkien, aħdmu flimkien, poġġu l-ġid u s-saħħa tal-poplu qabel kull għażla oħra tagħkom. Fittxu dejjem il-ġid komuni.

**"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"**

Illum qed niċċelebraw ħamsa u tletin sena u aħtar ta' ħidma tal-Fondazzjoni OASI. U għadna għaliex niċċelebraw għax minn dan il-post intraddilhom lura ħajja ġdida u ħajja sabiħa, ħafna nies. Żgur li tiftakruħ il-kliem tal-parabbola, "Kien mehtieg, ibni li naghmlu festa u nifirhu, għax ħuk kien mejjet u reġa qam, kien mitluf u nstab." (Luqa 15,32)

Mela ejja niġġelebraw u nroddu ħajr l-ewwel nett lill-impjegati tagħna: Huma li ta' kull jum jemmnu u jwettqu s-sejħa li jgħinu fil-bidla, fit-trasformazzjoni tar-residenti u dawk kollha li jiltaqgħu magħhom. Huma li jnisslu t-twemmin b'saħħtu lil min jersaq lejjhom, ma jixirqilhomx hlief Grazzi għal mitt darba. Noel u sħabu ħaqqhom il-ħajr u t-tifħir tagħna. Intenni għal darb oħra. Grazzi. Grazzi ħafna.

Grazzi wkoll lid-diretturi sħabi li lkoll niġbdu ħabel wieħed, li lkoll isseħibna f'dan it-twemmin. L-istess kelma ta' grazzi tmur għal voluntiera tagħna li huma ta' spalla u dejjem ikkonribwew u saħħew lil Fundazzjoni.

Ħajr lill-Ministeru tal-Politika Soċjali Dr Michael Falzon, lil Ministru għal Għawdex Clint Camilleri u membri tal-Ministeru tiegħu u lil Ministru tat-Turiżmu u ex-Ministru tas-saħħa Joetienne Abela. Nirringrazzja lill-Knisja f'Għawdex li mill-bidu nett appoġġjat u qed tappoġġja lil din il-Fondazzjoni u lill-Eċċ. Tiegħu Anton Teuma. Fl-aħħar nett ma nistax ma nirringrazzjax lill-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono li dejjem uriet interess fl-operat tagħna. Dan napprezzawħ ferm u f'isimna lkoll intennilha Grazzi.

Semmejt fil-bidu li dak kollu li qed niċċelebraw illum seħħ għaliex Dun Manwel Cordina emmen. Emmen u għax emmen irnexxielu jwettaq. Kont miegħu kważi mill-bidu nett u xhud ta' dan kollu. Ma kienetx triq faċli. Diversi drabi kien dahru mal-ħajt imma baqa jemmen. Ittama kontra kull tama. U għalhekk illum f'isimna lkoll, inroddlu ħajr għax nibbet fina dan it-twemmin. Grazzi mill-qalb Dun Manwel.

**"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"**

Grazzi ħafna li kontu hawn maghna llum. Grazzi.